**Qorti tal-Maġistrati (malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 06 ta' Awwissu 2022

**Il-Pulizija**
(Spettur Paul Camilleri)

Vs

***Omissis***
**David Cavenati**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Omissis u ta' **David Cavenati**, ta' 33 sena, iben Grazziano u Tiziana nee' Rigamonti, imwieled Bergamo' nhar it-12 ta' Settembru 1993, ta' Ċittadinza Taljana, residenti fi Blk F, Flat 4, Unit 3, Triq Guze' D'Amato. Paola u detentur tal-karta tal-identita' Taljana numru AX 6094426 u akkużati talli:

> B'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Bejn il-lejl ta' 4 u 5 ta' Awwissu 2022, għall-ħabta ta' nofs il-lejl minn ġewwa Triq Ġananton Tanti, Tarxien, ikkomettew serq ta' nuċċali u/jew oġġetti oħra, minn vettura tal-għamla Toyota Corolla, bin-numru ta' reġistrazzjoni CAA 759, liema serq huwa aggravat bil-mezz, ħin u xorta tal-ħaga misruqa, u dan għad-detriment ta' Omar Grech u/jew persuni oħra;

2. Kif ukoll fl-istess dati, ħin u ċirkostanzi, minn ġewwa Triq L-Alfier De Medran, bil-ħsieb li jwettaq serq minn vettura tal-għamla Citroen C4, bi numru ta' reġistrazzjoni IQZ- 934, urew b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħhom u liema serq li kieku seħħ kien ikun serq agravat bil-mezz, ħin u xorta tal-ħaga misruqa u dan ghad-detriment ta' Alicia Kinmont u/jew ta' persuni ohra;

Nakkuża lil Omissis wahdu :-

3. Talli fil-lejl ta' bejn 16 u 17 ta' April 2021 minn Triq Melita, Paola, ikkometta serq ta' kaxxa skratacc u/jew oġġetti oħra, minn vettura tal-għamla Toyota , bi numru ta' registrazjoni DBB 556, liema serq huwa aggravat bil-mezz, ħin u xorta tal-ħaga misruqa, u dan għad-detriment ta' Andrew Camilleri u/jew persuni oħra;

4. U aktar talli fl-istess, dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi hawn fuq imsemmija: -

5. U aktar talli irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta'

esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Filwaqt li nesebixxu, fedina penali u dettalji tal-akkuzati Omissis u David Cavenati nitolbu li dan il-kaz jigi investigat skond il-ligi.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat David Cavenati irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu. Illi fid-dawl ta' din l-ammissjoni, u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa lura minnha. Semgħet lill-akkużat David Cavenati jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkonsidrat:-

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tosserva li dawn huma okkażjonijiet ta' serq minn vettura u tentattiv ta' serq minn vettura oħra. Fl-eżekuzzjoni ta' dawn id-delitti, huwa wettaq ħsara volontarja fuq il-vetturi tal-vittmi.

Il-Qorti semgħet illi l-akkużat għandu problema serja ta' tossiko-dipendenza u li r-reati odjerni huma riżultat ta' din id-dipendenza tiegħu. Semgħet illi l-akkużat ilu jirrisjedi f'Malta għal madwar sitt snin u din hija l-ewwel darba li xellef difrejħ mal-ġustizzja. Semgħet lill-

istess akkużat jistqarr illi huwa jeħtieġ il-kura biex ifieq minn dan il-vizzju ikraħ li għandu.

Il-Qorti tqis fiċ-ċirkostanzi li piena karċerarja m'hijiex idonea u għalkemm il-piena inflitta għandha tirrifletti is-serjetà tar-reati kommessi mill-akkużat, ikun aktar ta' ġid għall-akkużat li jibbenefika minn superviżjoni ta' uffiċjal tal-*probation* u jitpoġġa taħt programm ta' riabilitazzjoni biex jindirrizza t-tossiko dipendenza tiegħu qabel ma jkun tard wisq.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31, 41(1)(a), 261, 263, 270, 271 u 278(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet ammissjoni inkondizzjonata tiegħu qed issib lill-istess **David Cavenati** <u>**ħati**</u> tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-fatt li l-akkużat (i) għandu bżonn l-għajnuna u trattament sabiex jegħleb il-vizzju tat-tossiko dipendenza tiegħu u (ii) għandu jingħata dik il-kura sabiex jegħleb id-dipendenza tiegħu, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tqiegħed lill-akkużat David Cavenati taħt Ordni ta' Probation għal perijodu ta' sentejn (2) mil-lum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 7(5) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna illi l-istess David Cavenati jingħata l-kura għal żmien sentejn (2) mil-lum jew għall-perjodu stabbilit minn u taħt id-direttivi ta' persuna kwalifikata għaldaqshekk, bil-għan li l-ħati jinħeles mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta spjegat lill-akkużat bi kliem ċar u li jinftiehem x'inhuma l-effetti tal-ordni ta' probation, inkluż il-ħtieġa tal-kura ai termini tal-Artikolu 7(5) tal-istess Kap u li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu mal-Ordni

magħmula u/jew il-kura ordnata jew jekk jagħmel xi reat ieħor, huwa jista'jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza, lid-Direttur tal-Uffiċju tal-Probation u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijietta' Malta

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digriet ta' Ordni ta' Probation, anness magħha u formanti parti integrali minnha.

**Ft. Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Registratur**